32005R1688

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1688/2005

ta' l-14 ta' Ottubru 2005

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistipola regoli speċifiċi dwar l-iġjene ta' l-ikel idderivat mill-annimali [1] u b' mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Fiż-żmien ta' l-adeżjoni tagħhom, il-Finlandja u l-Iżvezja ġew mogħtija garnaziji addizzjonali tas-salmonella li jkopru l-kummerċ ta' laħam frisk minn annimali bovini u porċini, laħam tat-tjur frisk u bajd ta' l-ikel li ġew estiżi għall-laħam ikkapuljat mid-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE [2]. Dawk il-garanziji ġew stipolati f' ċerti Direttivi, kif emendati mill-Att ta' l-Adeżjoni għall-Awstrija, l-Finlandja u l-Iżvezja, l-iktar fir-rigward ta' l-ikel fid-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE [3], fir-rigward ta' laħam frisk, fid-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE [4] fir-rigward ta' laħam tat-tjur frisk u fid-Direttiva 92/118/KEE [5] fir-rigward tal-bajd.

(2) Mill-1 ta' Jannar 2006, id-Direttivi 64/443/KEE, 71/118/KEE u 94/65/KE għandhom jiġu rrevokati mid-Direttiva tal-Kunsill 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tirrevoka ċerti Direttivi dwar l-iġjene ta' l-ikel u l-kundizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti dderivati mill-annimali u maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/662/KEE u 92/118/KEE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE [6]. Id-Direttiva 92/118/KEE għandha tiġi emendata bid-Direttiva 2004/41/KE.

(3) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/41/KE jistipola li sakemm jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 [7], (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 [8] jew id-Direttiva 2002/99/KE [9], ir-regoli ta' implimentazzjoni adottati fuq il-bażi tad-Direttivi 71/118/KEE u 94/65/KE u dawk adottati fuq il-bażi ta' l-Anness II mad-Direttiva 92/118/KEE, bl-eċċezzjoni tad-Deċiżjoni 94/371/KE [10], għandhom ikomplu japplikaw mutatis mutandis.

(4) Mill-1 ta' Jannar 2006, regoli ġodda li jikkonċernaw garanziji speċjali għall-ikel fir-rigward tas-salmonella għandhom japplikaw skond ir-Regolament (KE) Nru 853/2004.

(5) Hemm għalhekk il-ħtieġa ta' aġġornar u kumplimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li huma stipolati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/168/KE tat-8 ta' Mejju 1995 li tistabbilixxi fir-rigward tas-salmonella garanziji addizzjonali għall-konsenji lejn l-Iżvezja u l-Finlandja għal ċertu tip ta' bajd li huwa intenzjonat għall-konsum mill-bniedem [11], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/409/KE tat-22 ta' 1995 li tistipola regoli għat-testjar permezz tal-kampjunar taċ-ċanga tal-vitella u tal-majjal frisk intenzjonati għall-Finlandja u għall-Iżvezja [12], id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/411/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 li tistipola regoli għat-testjar għas-salmonella permezz tal-kampjunar tal-laħam tat-tjur frisk intenzjonati għall-Finlandja u għall-Iżvezja [13], u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/470/KE ta' l-24 ta' Ġunju 2003 dwar l-awtorizzazzjoni ta' ċerti metodi oħrajn li għandhom jintużaw fit-testjar mikrobijoloġiku tal-laħam li huwa intenzjonat għall-Finlandja u l-Iżvezja [14], skond id-dispożizzjonijiet ġodda tar-Regolament (KE) Nru 853/2004. Huwa xieraq ukoll li jinġabru d-dispożizzjonijiet kollha f' Regolament tal-Kummissjoni wieħed u li jirrevokaw id-Deċiżjonijiet 95/168/KE, 95/409/KE, 95/411/KE u 2003/470/KE.

---

[1] ĠU L 226, tal-25.6.2004, p. 22.

[2] ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 10. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[3] ĠU L 121, tad-29.7.1964, p. 2012/64. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni 2005.

[4] ĠU L 55, tat-8.3.1971, p. 23. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bl-Att ta' l-Adeżjoni 2005.

[5] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49. Direttiva kif ġiet l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 445/2004 (ĠU L 72, tal-11.3.2004, p. 60).

[6] ĠU L 195, tat-2.6.2004, p. 12.

[7] ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

[8] ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83.

[9] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

[10] ĠU L 168, 2.7.1994, p. 34.

[11] ĠU L 109, tas-16.5.1995, p. 44; Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 97/278/KE (ĠU L 110, tas-26.4.1997, p. 77).

[12] ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 21; Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 98/227/KE (ĠU L 87, tal-21.3.1998, p. 14).

[13] ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 29; Deċiżjonikif emendata mid-Deċiżjoni 98/227/KE.

[14] ĠU L 157, tas-26.6.2003, p. 66.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati wkoll għal garanziji speċjali ġodda stipolati fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 fir-rigward laħam ikkapuljat minn tjur.

(7) Ir-regoli dwar testjar mikrobijoloġiku permezz tal-kampjunar għandhom jitfasslu bil-metodu ta' kampjunar, in-numru ta' kampjuni li għandu jittieħed u l-metodu mikrobijoloġiku li għandu jintuża għall-eżaminazzjoni tal-kampjuni.

(8) Fir-regoli ta' kampjunar, huwa xieraq li ssir distinzjoni, fir-rigward ta' laħam minn annimali bovini u porċini, bejn karkassi u nofs karkassi, minn naħa waħda u kwarti, biċ-ċiet u biċċiet maqtugħin minn naħa l-oħra, u, fir-rigward ta' laħam minn tjur, bejn karkassi sħaħ, minn naħa waħda, u partijiet ta' karkassi u l-ġewwieni minn naħa l-oħra.

(9) Huwa xieraq li jittieħdu in konsiderazzjoni metodi internazzjonali ta' kampjunar u ta' testjar mikrobijoloġiku tal-kampjuni, bħala metodi ta' referenza, filwaqt li jiġu permessi ċerti metodi alternattivi li kienu ġew validati u ċċertifikati li jipprovdu garanziji ekwivalenti.

(10) Huwa meħtieġ li jiġu aġġornati jew stabbiliti fejn huwa xieraq il-mudelli ta' kummerċ u dokumenti ta' ċertifikazzjoni I jakkumpanjaw il-konsennji u jiddikkjaraw jew jiċċertifikaw li l-garanziji huma rispettati.

(11) Skond l-Artikolu 8(2)(c) u (d) tar-Regolament Nru (KE) 853/2004, il-garanziji speċjali m' għandhomx ikunu applikabbli għal kull konsennja li hija soġġetta għall-programm li huwa rikonoxxut bħal ekwivalenti għal dak li huwa implimentat mill-Finlandja u l-Iżvezja, jew għall-konsenji ta' laħam minn annimali bovini u porċini u bajd destinati għall-trattamenti speċjali.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kampjunar ta' laħam minn annimali bovini

Il-kampjunar minn annimali bovini, inkluż laħam ikkapuljat iżda li jeskludi preparazzjonijiet ta' laħam u laħam isseparaty mekkanikament, intenzjonat għall-Finlandja u l-Iżvezja, u li huwa soġġett għat-testjar mikrobijoloġiku għandu jsir skond l-Anness I.

Artikolu 2

Kampjunar ta' laħam minn annimali porċini

Il-kampjunar minn annimali porċini, inkluż laħam ikkapuljat iżda li jeskludi preparazzjonijiet ta' laħam u laħam isseparaty mekkanikament, intenzjonat għall-Finlandja u l-Iżvezja, u li huwa soġġett għat-testjar mikrobijoloġiku għandu jsir skond l-Anness I.

Artikolu 3

Kampjunar ta' laħam tat-tjur

Il-kampjunar minn tiġieġ domestiku, dundjani, fargħun, papri u wiż, inkluż il-laħam ikkapuljat iżda li jeskludi preparazzjonijiet ta' laħam u laħam isseparat mekkanikament, intenzjonat għall-Finlandja u l-Iżvezja, u li huwa soġġett għat-testjar mikrobijoloġiku għandu jsir skond l-Anness II.

Artikolu 4

Kampjunar tal-qatgħat ta' oriġini tal-bajd

Il-kampjunar tal-qatgħat ta' l-oriġini tal-bajd intenzjonati għall-Finlandja u għall-Iżvezja u li huma soġġetti għat-testjar mikrobijoloġiku għandu jsir skond l-Anness III.

Artikolu 5

Metodi mikrobijoloġiċi għall-eżaminazzjoni tal-kampjuni

1. Testjar mikrobijoloġiku għas-salmonella tal-kampjuni meħuda skond l-Artikoli 1 sa 4 għandu jsir skond l-edizjoni l-iktar reċenti ta':

a) Standard EN/ISO 6579 [1] ("EN/ISO 6579"); jew

b) Metodu Nru 71 deskritt mill-Kumitat Nordiku dwar l-Analiżi ta' l-Ikel (NMKL) [2] ("metodu Nru 71").

Fejn jiġu kkontestati r-riżultati tat-testijiet mikrobijoloġiċi bejn l-Istati Membri, l-edizzjoni l-iktar reċenti ta' l-EN/ISO 6579 għandha titqies bħala l-metodu ta' referenza.

2. Iżda, għall-kampjuni tal-laħam minn annimali bovini u porċini u minn laħam tat-tjur, jistgħu jintużaw il-metodi analitiċi li ġejjin, li ser jiġu validati bl-użu ta' kampjuni ta' laħam fl-istudji ta' validazzjoni, jistgħu jintużaw għat-testjar mikrobijoloġiku tas-salmonella:

[1] EN/ISO 6579: Mikrobijoloġija ta' l-ikel u l-oġġetti ta' l-għalf ta' l-annimali – Metodi orizzontali għal — iskoperta tas-Salmonella *spp*.

[2] NMKL metodu Nru 71: Salmonella. Skoperta fl-ikel.

Metodi li ġew validati skond l-iktar edizzjonijiet reċenti ta' l-EN/ISO 6579 jew tal-metodu Nru 71 u jekk metodu proprjetarju, ċertifikat minn parti terza skond il-protokoll stipolat fl-istandard EN/ISO 16140 ("EN/ISO 16140") jew protokolli internazzjonali li huma aċċettati internazzjonalment.

Artikolu 6

Dokumentazzjoni

1. Konsenji ta' laħam li jissemmew fl-Artikoli 1, 2 u 3 għandhom jiġu akkumpanjati minn dokument tal-kummerċ li huwa konformi ml-mudell stipolat fl-Anness IV.

2. Konsennji ta' bajd li jissemmew fl-Artikolu 4 ħandhom jiġu akkompanjati minn ċertifikat li huwa konformi mal-mudell stipolat fl-Anness V.

Artikolu 7

Id-Deċiżjonijiet 95/168/KE, 95/409/KE u 95/411/KE huma rrevokati.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidhol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 2006.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbl fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-14 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Regoli ta' kampjunar li huma applikabbli għal-laħam jew laħam ikkapuljat minn annimai bovini u porċini meta jkun intenzjonati għall-Finlandja u għall-Iżvezja.

Taqsima A

METODU TA' KAMPJUNAR

1. **Karkassi, nofs karkassi u kwarti li jinġiebu mill-biċċerija oriġinarja ("teknika ta' l-imselħa")**

Il-metodu li mhux distruttiv kif imfassal fl-istandard ISO 17604, inklużi r-regoli ta' ħażna u ta' trasportazzjoni tal-kampjuni għandu jintuża.

Il-karkassi taċ-ċanga, għandhom jittieħdu l-kampjuni minn tliet postijiet (sieq, ġenb u għonq). Il-karkassi tal-majjal, għandhom jittieħdu l-kampjuni minn żewġ postijiet (sieq u sidra). Għandu jintuża metodu ta' kampjunar bi sponża abrażiva. L-erja tal-kampjunar għandha tkopri minimu ta' 100 cm^2 għal kullpost li jintagħżel. Il-kampjuni minn postijiet ta' kampjunar differenti fuq il-karkassa għandhom jinġabru qabel l-eżaminazzjoni.

Kull kampjun għandu jiġi mmarkat u identifikat kif suppost.

2. **Biċċiet maqtugħin miksuba minn stabbiliment li mhux il-biċċerija minn fejn oriġinat il-karkassa, biċċiet maqtugħin u biċċiet iżgħar ("metodu distruttiv")**

Biċċiet tat-tessut għandhom jinġiebu permezz ta' strument ta' perforazzjoni sterilizzat fil-wiċċ tal-laħam jew billi tinqatgħa biċċa tessut ta' bejn wieħed u ieħor 25 cm^2 permezz ta' strumenti sterilizzati. Il-kampjuni għandhom jiġu trasferiti f'kundizzjonijiet sterili għal ġo kontenitur għall-kampjuni jew f' borża tal-plastik għad-dilwizzjoni imbagħad jiġu omoġenizzati (peristaltic stomacher jew rotary blender (omoġenizzatur)). Il-kampjuni ta' laħam iffriżat għandhom jibqgħu iffriżati matul it-trasport lejn il-laboratorju. Il-kampjuni minn laħam imkessaħ m'għandhomx ikunu ffriżati iżda għandhom jinżammu f' refriġerazzjoni. Kampjuni separati mill-istess konsennja għandhom jintgħażlu kif inhu stabbilit fl-istandard EN/ISO 6579, sa massimu ta' 10.

Kull kampjun għandu jiġi mmarkat u identifikat kif suppost.

3. **Laħam ikkapuljat ("metodu distruttiv")**

Biċċiet tal-laħam għandhom jinġiebu permezz ta' kampjunar ta' bejn wieħed u ieħor 25 g permezz ta' strumenti sterilizzati. Il-kampjuni għandhom jiġu trasferiti aseptikament f' kontenitur għall-kampjuni jew f' borża tal-plastik għad-dilwizzjoni imbagħad jiġu omoġenizzati (peristaltic stomacher jew rotary blender (omoġenizzatur)). Il-kampjuni ta' laħam iffriżat għandhom jibqgħu iffriżati matul it-trasport lejn il-laboratorju. Il-kampjuni minn laħam imkessaħ m'għandhomx ikunu ffriżati iżda għandhom jinżammu f' refriġerazzjoni. Kampjuni separati mill-istess konsennja għandhom jintgħażlu kif inhu stabbilit fl-istandard EN/ISO 6579, sa massimu ta' 10.

Kull kampjun għandu jiġi mmarkat u identifikat kif suppost.

Taqsima B

NUMRU TA' KAMPJUNI LI GĦANDHOM JINTUŻAW

1. **Karkassi, nofs karkassi, nofs karkassi maqtugħin f' massimu ta' tliet biċċiet u kwarti li jissemmew taħt A (1)**

In-numru ta' karkassi jew nofs karkassi (unitajiet) f' konsennja li minnhom kampjuni randomizzati separati għadhom jittieħdu għandu jkun kif ġej:

Kunsinja (numru ta' unitajiet ta' ppakkjar)	Numru ta' unitajiet ta' ppakkjarli għandhom jiġu kkampjunati
1 – 24	Numru li huwa l-istess bħalma huwa dak ta' l-unitajiet ta' ppakkjar b' massimu ta' 20
25 – 29	20
30 – 39	25
40 – 49	30
50 – 59	35
60 – 89	40
90 – 199	50
200 – 499	55
500 jew iktar	60

2. **Kwarti, biċċiet maqtugħin u biċċiet iżgħar kif jissemmew taħt A (2) u laħam ikkapuljat kif jissemma taħt A (3)**

In-numru ta' unitajiet ta' ppakkjar f' kunsinja li minnhom kampjuni randomizzati separati għadhom jittieħdu għandu jkun kif ġej:

Kunsinja (numru ta' unitajiet ta' ppakkjar)	Numru ta' unitajiet ta' ppakkjarli għandhom jiġu kkampjunati
1 – 24	Numru li huwa l-istess bħalma huwa dak ta' l-unitajiet ta' ppakkjar b' massimu ta' 20
25 – 29	20
30 – 39	25
40 – 49	30
50 – 59	35
60 – 89	40
90 – 199	50
200 – 499	55
500 jew iktar	60

Skond il-piż ta' l-unitajiet ta' ppakkjar, in-numru ta' unitajiet ta' ppakkjar li għandu jiġi kkampjunat jista' jitnaqqas permezz tal-fatturi ta multiplikazzjoni li ġejjin:

Piż ta' unitajiet ta' ppakkjar	> 20 kg	10 – 20 kg	< 10 kg
Fatturi ta' multiplikazzjoni	× 1	× 3/4	× 1/2

ANNESS II

Regoli ta' kampjunar li huma applikabbli għal-laħam jew laħam ikkapuljat u minn tjur meta jkunu intenzjonati għall-Finlandja u għall-Iżvezja.

Taqsima A

METODU TA' KAMPJUNAR

1. **Karkassi (bil-ġilda ta' l-għonqli għadha mwaħħla)**

Kampjuni randomizzati għandhom jinxerrdu indaqs matul l-istess kunsinja. Il-kampjunar għandu jikkonsisti f' biċċiet ta' madwar 10g ta' ġilda ta' l-għonq li għandha tinqala' b'mod aseptiku permezz ta' skalpell jew pinzetti. Il-kampjuni għandhom jinżammu fil-kesħa sa' l-eżaminazzjoni. Kampjuni jistgħu jintgħażlu kif stabbilit fl-istandard EN/ISO 6579, sa massimu ta' 10.

Kampjuni għandhom jiġu mmarkati u identifikati kif suppost.

2. **Karkassi minghajr gilda ta' l-ghonq, partijiet ta' karkassi u offal ("Metodu distruttiv")**

Biċċiet tat-tessut ta' madwar 25 g għandhom jinġiebu permezz ta' strument ta' perforazzjoni sterilizzat li jiddaħħal fil-wiċċ tal-laħam jew billi tinqatgħa biċċa tessut permezz ta' strumenti sterilizzati. Il-kampjuni għandhom jinżammu fil-kesħa sa' l-eżaminazzjoni. Kampjuni jistgħu jintgħażlu kif stabbilit fl-istandard EN/ISO 6579, sa massimu ta' 10.

Kampjuni għandhom jiġu mmarkati u identifikati kif suppost.

3. **Laħam ikkapuljat ("Metodu distruttiv")**

Biċċiet tal-laħam għandhom jinġiebu permezz ta' kampjunar ta' bejn wieħed u ieħor 25 g permezz ta' strumenti sterilizzati. Il-kampjuni għandhom jinżammu fil-kesħa sa' l-eżaminazzjoni. Kampjuni jistgħu jintgħażlu kif stabbilit fl-istandard EN/ISO 6579, sa massimu ta' 10.

Kampjuni għandhom jiġu mmarkati u identifikati kif suppost.

Taqsima B

NUMRU TA' KAMPJUNI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU

In-numru ta' unitajiet ta' ppakkjar f' kunsinja li minnhom li minnhom għandhom jittieħdu kampjuni randomizzati separati għandu jkun kif ġej:

Kunsinja (numru ta' unitajiet ta' ppakkjar)	Numru ta' unitajiet ta' ppakkjar li għandhom jittieħdu bħala kampjuni
1 – 24	Numru li huwa l-istess bħalma huwa dak ta' l-unitajiet ta' ppakkjar b' massimu ta' 20
25 – 29	20
30 – 39	25
40 – 49	30
50 – 59	35
60 – 89	40
90 – 199	50
200 – 499	55
500 jew iktar	60

Skond il-piż ta' l-unitajiet ta' ppakkjar, in-numru ta' kampjuni li għandhom jista' jitnaqqas permezz tal-fatturi ta multiplikazzjoni li ġejjin:

Piż ta' unitajiet ta' ppakkjar	> 20 kg	10 – 20 kg	< 10 kg
Fatturi ta' multiplikazzjoni	× 1	× $^{3}/_{4}$	× $^{1}/_{2}$

ANNESS III

Regoli ta' kampjunar applikabbli għall-qatgħat meta l-bajd ikun intenzjonat għall-Finlandja u għall-Iżvezja

Taqsima A

METODU TA' KAMPJUNAR

Il-kampjunar għandu jikkonsisti f' materjali ta' feċi li jinġabar skond wieħed mill-metodi li ġejjin:

1. Fil-każ ta' tiġieġ li ġew imrobbija fuq perċi jew fil-miftuħ:

   1.1. Kampjuni komposti ta' feċi, kull kampjun jikkonsisti f' kampjuni separati ta' feċi friski, kull wieħed jiżgħen mhux inqas minn gramma waħda, għandhom jittieħdu b' mod ta' l-inżertaturi f' numru ta' postijiet mill-impjant li fih it-tiġieġ qed jinżammu jew, fejn tali tiġieġ ikollhom aċċess għal iktar minn impjant wieħed fuq razzet magħżul, tali kampjuni għandhom jittieħdu f' kull grupp ta' impjanti ta' irziezet li fihom jinżammu t-tiġieġ.

   1.2. Imselħiet minn stvali (jigifieri *overboots* jew "kalzetti" li jissejhu *tubegauze*): il-wicc ta' l-imselħa ta' l-istvala għandu jigu umidifikat permezz ta' dilwent ta' rkuprar xieraq (bħalma hija s-soluzzjoni ta' melħ 0.8 % flimkien ma' 0.1 % ta' peptoni f' ilma sterilizzat dijonizzat), jew ilma sterilizzat, jew kull dilwent ieħor li huwa approvat mill-awtorità kompetenti. L-ilma tar-razzett li fih l-aġenti kontra l-mikrobi jew disinfettanti oħrajn m' għandux jintuża. Il-mixi għandu jsir b' mod li l-kampjunar ikun rappreżentattiv tal-partijiet kollha tal-bini, inklużi żoni mifruxa u żoni bil-paletti fejn il-paletti huma mingħajr periklu biex wieħed jimxi fuqhom. Wara t-tlestija tal-kampjunar, l-imselħiet mill-istvali għandhom jitneħħew b'attenzjoni sabiex ma jiċċaqlaqx il-materjal aderenti. Iż-żewġ pari ta' stvali jistgħu jingħaqdu għall-analiżi.

2. Fil-każ ta' tiġieġ li jbid fil-gaġeġ, tali kampjuni għandhom jittieħdu minn barraxa jew minn ħmieġ tal-wiċċ fil-fossa.

Taqsima B

KWANTITÀ TA' KAMPJUNI LI GĦANDHOM JINTUŻAW

il-kwantità ta' kampjuni għandha tkun kif ġej, skond il-metodu ta' kampjunar użat taħt it-taqsima A:

— Fil-każ tal-metodu li jissemma taħt 1.1.:60 kampjuni ta' feċi għandhom jittieħdu fl-impjant jew fil-grupp ta' impjanti tar-razzet.

— Fil-każ ta' metodu li jissemma taħt 1.2.: 2 pari ta' mselħiet ta' l-istvali għandhom jintużaw.

— Fil-każ tal-metodu li jissemma taħt 2.: 60 kampjun ta' feċi għandhom jinġabru, jew mill-inqas 60 gramma ta' feċi mħallta b'mod naturali.

Taqsima C

FREKWENZA TA' KAMPJUNAR

Il-qatgħa għandha tiġi kkampjunata fi żmien ġimagħtejn qabel il-bidu tal-produzzjoni tal-bajd u wara mill-inqas kull 25 ġimgħa.

ANNESS IV

Noti

a) Dokumenti kummerċjali għandhom isiru skond il-mudell li jidher f'dan l-Anness. Għandu jinkludi, fl-ordni numeriku li jidher fil-mudell, l-attestazzjonijiet li huma meħtieġa għat-trasportazzjoni tal-laħam minn annimali bovini u porċini jew laħam minn tjur- inkluż laħam ikkapuljat.

b) Għandu jsir f'wieħed mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE destinatarju Iżda, jista' jsir ukoll bil-lingwi l-oħrajn ta' l-UE, jekk ikun akkumpanjat minn traduzzjoni uffiċjali jew jekk isir ftehim minn qabel mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru destinatarju.

c) Id-dokument kummerċjali għandu jsir għall-inqas fi tliet kopji (wieħed oriġinali u żewġ kopji). L-oriġinali għandu jakkumpanja l-konsenja lejn id-destinazzjoni finali tagħha. Min jirċievi l-konsenja għandu jżommu. Il-produttur għandu jżomm waħda mill-kopji u min iwassal il-konsenja għandu jżomm l-oħra.

d) L-oriġinal ta' kull dokument kummerċjali għandu jikkonsisti minn paġna waħda, żewġ naħat, jew, fejn hemm bżonn ta' iktar test, għandu jkun taħt forma li l-paġni kollha meħtieġa huma parti minn biċċa sħiħa u li ma jistgħux jinfirdu.

e) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni ta' l-oġġetti tal-konsenja, jiġu inklużi paġni addizzjonali mad-dokument, dawn il-paġni għandhom jiġu kkunsidrati li jagħmlu parti mid-dokument oriġinali permezz ta' l-applikar tal-firma u t-timbru tal-persuna responsabbli, fuq kull paġna.

f) Meta d-dokument, inklużi l-paġni addizzjonali li jissemmew f' e), ikun fih iktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tingħata numru – (numru tal-paġna) minn (numru totali ta' paġni) – fin-naħa ta' isfel u jinkludi l-kodiċi tad-dokument li kien ġie ddeżinjat mill-awtorità kompetenti, fuq in-naħa ta' fuq.

g) Id-dokument oriġinali għandu jiġi komplut u ffirmat mill-persuna risponsabbli.

h) Il-kulur tal-firma tal-persuna risponsabbli għandu jkun differenti minn dik ta' l-istampar.

Mudell tad-dokument kummerċjali għall-konsenja lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' laħam minn annimali bovini jew porċini jew laħam ta' tjur, inkluż il-laħam, ikkapuljat

1. **Kunsinnatur** (isem ta' l-istabbiliment kunsinnatur u indirizz komplut u, jekk xieraq numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment kunsinnatur)	**Numru ta' referenza tad-dokument** (1)**:** ..... **Numru totali ta' paġni ta' dan id-dokument:**..... **Data (meta inġabar il-materjal mill-post):** .....
2. **Destinatarju** (isem u indirizz komplut tad-destinatarju u, jekk hu xieraq numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbiliment destinatarju tal-prodott)	3. **Post ta' tagħbija għall-kunsinja** (indirizz komplut jekk huwa differenti minn dak ta' punt 1) ....
4. **Trasportatur, mezz tat-trasport, kwantità u identifikazzjoni tal-kunsinja** 4.1. Trasportatur (isem u indirizz sħiħ): .... 4.2. Trakk, Ferrovija, Bastiment jew Ajruplan (2) 4.3. Numru(i) ta' reġistrazzjoni, isem tal-bastiment jew numru tat-titjira:	4.5. Tip ta' ppakkjar ..... 4.6. Numru ta' pakketti għal kull kategorija ta' prodotti: .... 4.7. Piż nett (kg): ..... 4.8. Numru tal-kontejner jekk applikabbli .....
5. **Deskrizzjoni tal-prodotti** 5.1. Tip ta' prodotti (3): ..... 5.2. Kondizzjoni ta' prodotti (4):	
6. **Dikjarazzjoni mill-Kunsinnatur** Jien, hawn iffirmat, niddikkjara li: Il-kontrolli li jisemmew fir-Regolament tal-Kummissjoni [...] saru b'riżultati negattivi u stqarrija mil-laboratorju dwar l-analiżi li saret fuq il-kVunsinnja jew ir-riżultati ta' tali analiżi hija mehmuża ma' dan id-dokument (2). Il-laħam minn annimali bovini jew porċini, inkluż il-laħam ikkapuljat tiegħu, huwa intenzjonat għal stabbiliment għall-finijiet ta' pasturizzazzjoni, sterilizzazzjoni jew trattament li għandu effetti simili (2). Il-laħam, li jinkludi laħam ikkpuljat, ġej minn stabbiliment li huwa soġġett għal programm ta' kontroll li huwa rikonoxxut bħala ekwivalenti għal dak approvat għall-Iżvezja u l-Finlandja (2).	
Firma Magħmul fi ..... fil- ..... (post) (data) ..... (firma tal-persuna risponsabbli/kunsinnatur) (5) ..... (isem, b' ittri kbar)	

Noti

(1) Numru ta' referenza maħruġ mill-persuna risponsabbli għar-rintraċċabbiltà.

(2) Ħassar kif xieraq.

(3) Iddeskrivi t-tip ta' prodott (eż laħam minn annimali bovini, laħam minn annimali porċini, laħam minn tjur, laħam ikkapuljat).

(4) Iddeskrivi l-kondizzjoni tal-prodott: imkessaħ jew iffriżat.

(5) Il-firma għandha tkun lewn differenti minn ta' l-istampar.

ANNESS V

Mudell taċ-ċertifikat għall-kunsinnja lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' bajd li huwa intenzjonat għall-konsum mill-bniedem

KOMUNITA' EWROPEA **Certifikat għall-kummerc Intra Komunitarju**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna pprezentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza | I.2.a. Numru lokali ta' riferenza

I.3. Awtorita Centrali kompetenti

I.4. Awtorita lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6. Numru/i ta' certifikati originali * | Numru/i ta' dokumenti li jakkumpanjawhom *

I.7. Negozjant *
Isem | Numru approvat

I.8. Pajjiz ta' origini | Kodiċi ISO

I.9. Regjun ta' origini | Kodiċi

I.10. Pajjiz ta' destinazzjoni | Kodiċi ISO

I.11. Regjun ta' destinazzjoni | Kodiċi

I.12. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' hsad
* Fond ☐ * Centru ta' assemblagg ☐ * Premessa tan-negozjant ☐
* Korp approvat ☐ * Centru ta' semen ☐ * Fond ta' aquakultura approvat ☐
* Tim embrijoniku ☐ * Stabiliment ☐ * Ohrajn ☐
Isem | Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
* Fond ☐ * Centru ta' assemblagg ☐ * Premessa tan-negozjant ☐
* Korp approvat ☐ * Centru ta' semen ☐ * Fond ta' aquakultura approvat ☐
* Tim embrijoniku ☐ * Stabiliment ☐ * Ohrajn ☐
Isem | Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post ta' tghabija *
Kodiċi Postali

I.15. Data u hin ta' tluq *

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur *
Isem | Numru approvat
Indirizz
Kodiċi Postali | Stat Membru

I.18. Speci ta' annimal/Prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodita (Kodiċi CN)

I.20. Numru/Kwantita

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Mkessah ☐ Frizat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/Numru ta' sigill

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Annimali certifikati/prodotti certifikati ghal:
* Tghammir ☐ * Simna ☐ * Qatla ☐ * Transhumance ☐ * Korp approvat ☐
* Riproduzzjoni artificjali ☐ * Equidae registrati ☐ * Restocking tal-priza ☐ * Pets ☐
Konsum uman ☐ * Ikel ta' l-annimali ☐ * Uzu farmaceutiku ☐ * Uzu tekniku ☐ * Ohrajn ☐

I.26. Tranzitu minn pajjiz terz ☐
Pajjiz terz | Kodiċi ISO
Post ta' hrug | Kodiċi
Post ta' dhul | Numru tal-BIP unit:

I.27. Tranzitu minn Pajjizi Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni
Pajjiz terz | Kodiċi ISO
Post ta' hrug | Kodiċi

I.29. Hin estimat tal-vjagg

I.30. Pjan tar-rotta *
Iva ☐ Le ☐

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti ta' l-annimali

Speci (Isem xjentifiku)	Kategorija	Numru ta' approvazzjoni ta' l-istabbilimenti/vetturi: Impjant ta' processar	Kwantità	Piż Net

* M'ghandux jitkompla

KOMUNITA' EWROPEA **Bajd li huwa intenzjonat għall-konsum mill-bniedem mibgħut lill-Finlandja u l-Iżvezja**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni sanitarja	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b. Numru tar-referenza lokali

Attestazzjoni

Jien hawn iffirmat niddikkjara li:

i) Il-bajd deskritt hawn fuq joriġina minn qatgħat li ġew soġġetti, b'riżultati negattivi, għall-kontrolli pprovduti fid-dispożizzjonijiet stipolati mir-Regolament tal-Kummissjoni […] ([4]).

ii) Il-bajd hu destinat li jintuża fil-manufattura ta' prodotti proċessati bi proċess li jiggarantixxi l-eliminazzjoni tas-salmonella ([4]).

Noti

([1]) Kaxxa ta' referenza Nru. I.16: in-numru(i) ta' reġistrazzjoni tal-ferrovija jew tat-trakk u l-isem tal-bastiment għandhom jiġu inklużi kif xieraq. Jekk hu magħruf, in-numru tat-titjira.

([2]) Kaxxa ta' referenza Nru. 123; fil-każ ta' trasport f'kontejners jew f'kaxxi, in-numru totali, in-numru ta' reġistrazzjoni u tas-siġilli tagħhom jekk huma preżenti, għandhom jiġu indikati.

([3]) Kaxxa ta' referenza Nru. I.31: "għall-kategorija", indika klassi A jew B kif fir-Regolament tal-Kunsill 1907/90 rivedut.

([4]) Ħassar kif xieraq.

([5]) Il-firma u t-timbru jridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'Ittri kbar):	Kwalifika u titlu:
Unità Veterinarja Lokali:	Nru tal-UVL relatat:
Data:	Firma ([5]):
Timbru ([5]):	